Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 502/2009

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Rothmans of Pall Mall Limited, kumpannija estera ta' nazzjonalita' Ingliza bin-numru ta' registrazzjoni 00676565, b'indirizz registrat ta' 65 Pall Mall, Londra SW1Y 5HZ, fir-Renju Unit**

**vs.**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tad-19 ta' Gunju 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil SHAHAT SHIPPING & STEVEDORING COMPANY, ta' P.O.Box 1496, Off Omer Mukhtar Street, "Shahat Building", Benghazi, Libja.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali ta’ **Rothmans of Pall Mall Limited**, kumpanija estera ta’ nazzjonalita` Ingliza bin-numru ta’ registrazzjoni 00676565, b’indirizz registrat ta’ 65 Pall Mall, Londra SW1Y 5HZ, fir-Renju Unit datat 26 ta’ Mejju 2009 a fol 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta` attrici Rothmans of Pall Mall Limited, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f’Malta, *inter alia* in konnessjoni mas-sigaretti tal-markji “ROTHMANS” u partikolarment dawk maghrufa bhala “Rothmans Blue”, hija proprjetarja ta’ diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess;

Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

Illi fost ohrajn, is-socjeta` attrici ghandha validament rregistrati f’Malta t-t*rademarks* bin-numri ta’ registrazzjoni 6091 (dwar sigaretti, tabakk u sigarri) u 9231 (dwar tabakk, frisk jew manifatturat, artikli ta’ tipjip u suffarini);

Illi s-socjeta` attrici hija “detentrici ta’ dritt” ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-**Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** (**Kapitlu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta**), biex b’hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikoli 2 (1) (a) (i), 4** u **8 (1)** tal-istess **Kap. 414**;

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 4** tal-istess **Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana issosspenda r-rilaxx tal-*container* IRSU 4828700 kontenenti, *inter alia*, kwantita`

ta' pakketti tas-sigaretti gewwa kaxxi tal-kartun tat-tip *internals*, li kollha huma maghluqin, fihom sinjali prezentati b'mod prominenti bhal dawk tas-socjeta` attrici dwar prodotti “Rothmans Blue” u waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura ta' trasbord in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee*/importatrici ndikata fuq il-polza ta' karigu relattiva bhala SHAHAT SHIPPING & STEVEDORING COMPANY, ta' P.O. Box 1496 Off Omer Mukhtar Street, Shahat Building, Benghazi, Libja, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta` intellettwali;

Illi s-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejba u wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta` attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz konsistenti fil-polza ta' karigu fejn, fil-parti relattiva ghall-*consignee* hemm indikata SHAHAT SHIPPING & STEVEDORING COMPANY, ta' P.O.Box 1496, Off Omer Mukhtar Street, “Shahat Building”, Benghazi, Libja;

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox “800 kaxxi b'10,000 sigarett f'kull kaxxa bit-total ta' 8,000,000” u allura 400,000 pakkett u 40,000 kaxxi tal-kartun tat-tip *internals* b'mitejn sigarett f'kull kaxxa nterna, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 10** [partikolarment **10 (2) (b)] u 14 sa 19 tal-Att Dwar it-*Trademarks*** (**Kap. 416**). *Oltre* dan, issir referenza ghas-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu 2009 (citazzjonijiet 892/2003/1 u 397/2004/1), fejn id-dahla fir-Registru tat-*Trademarks* numru 35409 konsistenti f'riproduzzjoni taz-zewg faccati tal-pakketti konfliggenti “Business KING SIZE” gja' qabel

irregistrati flimkien bhala *trademark* bin-numru 35409 gie invalidat ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi *stante* li jledi l-jeddijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fil-konfront tat-*trademarks* taghha bin-numri 6091 u 9231 hawn qabel riferuti;

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sas-26 ta' Mejju 2009 (inkluz) sabiex is-socjeta` attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati *entro* dan l-istess terminu;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-raginijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* talab lil din il-Qorti: -

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'pakketti tas-sigaretti gewwa kaxxi tal-kartun tat-tip *internals*, liema pakketti u kaxxi huma kollha maghluqin, fihom sinjali prezentati b'mod prominenti bhal dawk tas-socjeta` attrici dwar prodotti tas-sigaretti "Rothmans Blue" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* IRSU 4828700 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' - l-konvenuta;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "N" kif jidher minn fol. 6 sa fol. 111 tal-process.

Rat id-digriet datat 19 ta' Gunju 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex tinstema' fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati datata 6 ta' Lulju 2009 a fol.136 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 137 tal-process u n-nota bid-dokument hemm esebit bhala Dok. "A" a fol. 138.

Rat in-nota attrici datata 2 ta' Lulju 2009 fejn gie esebit id-Dok. "LAS 01" (fol. 132).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2009 meta ssejhet il-kawza

deher Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li pprezenta nota b'dokument. Deher Dr. Martin Fenech li rrimetta ruhu ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Ottubru 2009.

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone datata 13 ta' Ottubru 2009 a fol. 140 tal-process fejn esebixxa estratt mir-Registru tat-Trademarks bin-numru ta' registrazzjoni 33537 f'isem is-socjeta' attrici bhala Dok. "LSA 02".

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l--*container* IRSU 4828700 kien inhatt gewwa l-Freeport Marsaxlokk minn fuq il-vapur SEPITAM fit-22 ta' April 2009 u li fl-24 ta' April 2009 l-istess Kontrollur tad-Dwana issosspenda r-rilaxx tal-*container* IRSU 4828700 li kontenenti fost ohrajn 800 kaxxa b'10,000 sigarett f'kull kaxxa bit-total ta' 8,000,000 u allura 400,000 pakkett u 40,000 kaxxi tal-kartun tat-tip *internals* b'mitejn sigarett f'kull kaxxa nterna bil-marka "BUSINESS KING SIZE", liema oggetti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* ndikata fuq l-istess bill of lading bhala SHAHAT SHIPPING & STEVEDORING COMPANY, ta' P.O.Box 1496, Off Omer Mukhtar Street, "Shahat Building", Benghazi, Libja u l-istess Kontrollur tad-Dwana (anke in vista' tas-sentenzi citati tal-Onorabbli Qorti tal-Appell) informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi fil-fatt tali konsenja kienet tikkonsisti b'kollox 800 kaxxa b'10,000 sigarett f'kull kaxxa bit-total ta' 8,000,000 u allura 400,000 pakkett u 40,000 kaxxi tal-kartun tat-tip *internals* b'mitejn sigarett f'kull kaxxa nterna bil-marka "BUSINESS KING SIZE" u dan kollu jirrizulta ppruvat mill-affidavit tal-ufficjal George Agius datat 22 ta' Mejju 2008 (Dok. "K"); u

minn l-affidavit tal-attur (Dok. “L”); minn ezamijiet li saru fuq l-istess oggetti jirrizulta li effettivament l-istess konsenja kienet kontrafatta kif jirrizulta minn Dok. “H” u “I”, u li allura d-drittijiet tas-socjeta’ attrici fuq il-istess marki kif indikati fid-Dok. “B” sa “D” u Dok. “H” u “I”) gew miksura u pregudikati b’dan li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati, ma humiex kontradetti u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’pakketti tas-sigaretti gewwa kaxxi tal-kartun tat-tip *internals*, liema pakketti u kaxxi huma kollha maghluqin, fihom sinjali prezentati b’mod prominenti bhal dawk tas-socjeta` attrici dwar prodotti tas-sigaretti “Rothmans Blue” kollox kif hawn indikat f’din is-sentenza u liema oggetti jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* IRSU 4828700 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni jiddistruggi dawn l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-entita’ konvenuta;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba ghaliex ma’ hemmx bzonn taghha.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali

taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess .

Bl-ispejjez kontra l-entita` intimata b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------